**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2014**

**IL-ĦAMES SENA** **IR-RELIĠJON** **IL-ĦIN: Siegħa u Kwart**

Marka

**L-Isem:** ____________________________ **Il-Klassi:** __________

## TAQSIMA A ALLA JAGĦTINA T-TALENTI

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** (4 marki)




1. Alla tani talenti sbieħ biex nagħrafhom u ( nwarrabhom , niżviluppahom , inbiegħhom ).

2. Jiena ( għandi bżonn , m'għandix bżonn , ma jinteressawnix ) it-talenti ta' ħaddieħor.

3. Matul iż-żmien Alla ( nesa , sema' , nqeda ) b'nies speċjali biex ikun jista' jgħin lill-oħrajn.

4. Il-Lhud kienu ( l-mistednin , l-ilsiera , l-ħbieb ) tal-Fargħun fl-Eġittu.

**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.**
**L-ewwel ittra qiegħda tingħata bħala għajnuna.** (6 marki)

1. L-istorja ta' Abram u Sarah insibuha fit-**T**________________ il-Qadim.

2. Abram kellu **f**__________________ kbira f'Alla.

3. Fil-ktieb ta' Rut insibu l-istorja ta' **N**_______________ minn Iżrael.

4. Omm Samwel xtaqet li jekk ikollha tifel, dan jibda jaqdi lil Alla fit-**t**________________.

5. Samwel qal lil Alla, "Tkellem Mulej, il-**q**________________ tiegħek qiegħed jisma'."

6. Xi kultant, it-tbatija hija **n**________________ biex inservu u ngħinu lil ta' madwarna.



**Wieġeb fi kliemek.**

1. Semmi xi talent li għandek.

____________________________________________ (marka)

2. Semmi eżempju wieħed kif tista' tuża dan it-talent għall-ġid tal-oħrajn.

____________________________________________ (2 marki)

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** (5 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Permezz tat-talenti tiegħi nista' nagħmel | | ma nagħmlux jien lil ħaddieħor. |
| 2. | Il-fidi u t-tama huma | | il-messaġġ t'Alla lil Eli dwar uliedu. |
| 3. | Samwel wassal | | u jgħid lill-Fargħun iħalli lil-Lhud jitilqu minn hemm. |
| 4. | Alla ordna lil Mosè biex jerġa' imur lura l-Eġittu | | il-ħajja tiegħi aħjar u ntejjeb l-ambjent li ngħix fih. |
| 5. | Irrid nifhem li dak li ma rridx li ħaddieħor jagħmel lili | | kwalitajiet kbar u sbieħ ħafna. |

**Wieġeb.** (2 marki)

1. X'laqtek l-aktar fl-istorja tal-ħajja ta' Martin Luther King?

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA B ALLA JAĦDEM FL-ISTORJA TA' ARTNA

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** (4 marki)

1. Lil Dun Mikiel Xerri nsejħulu 'eroj' għax ( miet għal pajjiżu , kixef komplott , sar qaddis ).
2. Dun Ġorġ Preca ħalla t-tagħlim tal-Katekiżmu fost il-bniet f'idejn ( Madre Tereża , Ġiannina Cutajar , Gladys Aylward ).
3. Wieħed mill-papiet kbar tas-seklu 20 kien il-papa ( Franġisku , Pawlu 6 , Ġwanni 23 ).
4. Konċilju huwa laqgħa li ssir ( mill-kardinali , mill-isqfijiet , minn tal-Mużew ) biex jinbidlu xi liġijiet tal-Knisja.



**Imla l-vojt billi tkompli l-kelma.** (6 marki)

1. Persunaġġ fl-Antik Testment li kien magħżul minn Alla biex imexxi l-poplu tiegħu kien is-sultan **D**________________.
2. Il-Profeti kienu nies li batew biex wasslu l-**m**______________ ta' Alla lill-poplu.

3. Il-Konċilju Vatikan it-tieni ġab tibdil kbir fil-**K**____________.

4. Dun Mikiel Xerri kien fetaħ **s**______________ għal tfal foqra.

5. Alla wera lil Eżekjel **w**______________ mimli għadam.

6. Is-**S**________________ huma poeżiji ta' tifħir lil Alla.

**Imla l-vojt bi kliem li hemm fil-kaxxa.** (6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| l-ħajja | taħseb | l-għadam |
| l-bniedem | twelidi | tirnexxi |

1. Dun Mikiel Xerri stqarr, "*Qed nagħmel dan għal art* __________ *u naħseb li din hija l-aħħar ħaġa li se nagħmel. Jekk* __________ *mmut kuntent".*

2. Alla staqsa lil Eżekjel "*Jista' dan* _____________ *jerġa' jieħu* _____________*?"*

3. F'Salm 8 insibu miktub: "*X'inhu* _____________ *biex inti tiftakar fih? Bin il-bniedem biex inti* ____________ *fih?"*



**Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha.**

Missierek ġie mix-xogħol għajjien mejjet u kif mort titolbu biex jgħinek fil-*homework*, huwa qallek li dak il-ħin ma kellux moħħ.

Inti bdejt tirrabja u ssabbat saqajk u tlaqt tinqafel f'kamartek. Wara ftit indunajt li għamilt żball u ddispjaċik għal kif ġibt ruħek.

Mistoqsijiet (4 marki)

1. X'kellek tagħmel meta missierek qallek li ma setax jgħinek?

______________________________________________

______________________________________________

2. X'kellek tagħmel meta ndunajt li żbaljajt?

______________________________________________

______________________________________________

## TAQSIMA Ċ NIEĦDU ĦSIEB XULXIN

**Kompli s-sentenzi billi taqta' linja taħt it-tajba.** (6 marki)

1. Ġesù għen lil waħda mara li kienet ġejja minn razza tal-Kananin wara li:
   a) damet tiffittah il-ġurnata kollha.
   b) wriet fidi kbira fih.
   ċ) l-appostli qalulu li kienet mara tajba.

2. Mill-istorja tal-qabda kbira tal-ħut nitgħallmu li:
   a) Ġesù kien jifhem ħafna fis-sajd u l-ħut.
   b) filgħodu huwa aħjar minn bil-lejl biex tistad.
   ċ) min jobdi lil Ġesù dejjem jiswielu ta' ġid.



3. Il-Fariżej staqsew lil Ġesù dwar it-taxxi għax:
   a) riedu jġarrbuh biex wara jkollhom xi jgħidu kontrih.
   b) kienu jħobbu jieħdu l-pariri minn għandu.
   ċ) ma kinux jafu kemm kellhom iħallsu taxxi.

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** (6 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Darba Ġesù mar | | u qagħad jitkellem magħhom. |
| 2. | Hemmhekk kien hemm xi għorrief tal-liġi | | li jagħmel ix-xogħol li tah missieru. |
| 3. | Meta Marija u Ġużeppi ġew biex imorru lura | | u kien jobdihom f'kollox. |
| 4. | Wara tlitt ijiem ifittxu, sabuh fit-tempju | | mal-ġenituri tiegħu Ġerusalemm. |
| 5. | Ġesù wieġeb li l-missjoni tiegħu kienet | | ma sabuh imkien. |
| 6. | Ġesù mar lura d-dar magħhom | | u ommu staqsietu għaxliex kien għamel hekk. |

**Wieġeb fil-qosor.** (6 marki)

1. F'liema okkażjoni, fil-ħajja tiegħek, sibt li kellek tbati xi ftit biex tobdi?

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

2. X'kienet l-aqwa kwalità li kellu ċ-Ċenturjun li mar għand Ġesù biex jitolbu jfejjaqlu l-qaddej tiegħu?

_______________________________

_______________________________

_______________________________

_______________________________



## TAQSIMA D JITWIELED GĦALINA

**Imla l-vojt bi kliem li hemm fil-kaxxa.** (5 marki)

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Milied | Paċi | jagħtina | Betlem | jifdina |
| Ġesù | qalbna | Bambin | presepju | ħaddieħor |

Il-veru Milied ikun meta aħna ngħaddu l-________________ u l-għaqda lil ________________.

Kien proprju għalhekk li ________________ twieled fil-għar ta' ________________. Ġesù _______________ twieled ġo grotta biex ________________.

Fi djarna niċċelebraw il-_________________ mhux biss billi narmaw il-___________________, imma billi ġo _______________ jkollna l-ferħ li Ġesù biss jista' ___________________.



**Imla l-vojt bit-talba tal-Anġlu t'Alla.** (8 marki)

1. L-anġlu t'Alla ________________ lil Marija u hija saret _______________ mill-________________ s-Santu.
2. Hawn hi l-_________________ tal-Mulej, ikun minni _________________ kelmtek.
3. U l-________________ t'Alla sar ________________ u għammar ________________.



**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor.** (6 marki)

1. X'iddeċidew is-suldati Ġermaniżi u Ingliżi fil-Milied tas-sena 1914 waqt li kienu fi gwerra bejniethom?

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Xi tfisser għalik il-kelma PAĊI?

_______________________________________________

_______________________________________________

3. Għaliex taħseb li Ġesù għażel lir-rgħajja biex ikunu l-ewwel nies li jarawh wara li twieled?

_______________________________________________

_______________________________________________

**Liema karattru fir-reċta tal-Milied l-aktar li inti tixtieq tkun u agħti raġuni waħda għaliex. Tista' tagħżel waħda minn dawn:** Il-Madonna, San Ġużepp, Ġesù, il-ħmara jew il-baqra, il-kewkba, ragħaj, anġlu jew wieħed mis-slaten Maġi. (2 marki)

1. Jien nixtieq li nkun ______________ għax ________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________





## TAQSIMA E IL-ĦBIEB TAGĦNA

**Agħmel sinjal taħt it-tweġiba t-tajba.** (5 marki)

1. Il-Bibbja tgħidilna li min isib ħabib veru jkun sab ( il-flus , il-paċi , teżor ).

2. Parabbola hija storja ( b'tagħlima , b'ċajta , b'sorpriża ).

3. Meta ngħidu grazzi lil xi ħadd, inkunu qed ngħidulu li aħna ( naċċettaw , napprezzaw , nikkritikaw ) dak li għamlilna.

4. Ġesù għallimna li aħna m'għandna qatt ( niġġudikaw , niggustaw , ngħinu ) lil ħaddieħor għax dan qiegħed f'idejn Alla biss.

5. Fl-ittra li San Pawl kiteb lill-Korintin, jurina min huma ( l-għedewwa , l-qaddisin , l-ħbieb ) veri u kif għandna nġibu ruħna fejn tidħol l-imħabba.



**Qabbel kolonna A ma' kolonna B.** (5 marki)

| | Kolonna A | | Kolonna B |
|---|---|---|---|
| 1. | Biex insibu ħbieb tajbin | | għandna nħennu u naħfru għal ta' madwarna. |
| 2. | Il-parabbola tas-seftur tgħallimna li | | ma jridx jitkabbar u jħossu aqwa minn ħaddieħor. |
| 3. | Darba Ġesù fejjaq għaxar lebbrużi | | huwa Ġesù nnifsu. |
| 4. | Biex wieħed ikun veru umli | | l-ewwel irridu nagħrfu x'inhi l-vera ħbiberija. |
| 5. | L-akbar ħabib li jista' ikollna | | iżda wieħed biss mar jirringrazzjah. |

**Imla l-vojt bi kliem li hemm fil-kaxxa.** (6 marki)

| | | |
|---|---|---|
| Mulej | sebgħa u sebgħin | ħabbejtkom |
| Xulxin | ħbiebi | naħfirlu |

1. Pietru dar lejn Ġesù u qallu, " ____________________, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex ____________________? Sa seba' darbiet?"

   Ġesù wieġbu, "Ma ngħidlekx sa seba' darbiet imma sa ____________________ darba."

2. Dan hu l-kmandament tiegħi li tħobbu lil ____________________ kif ____________________ jien. Intom ____________________, jekk tagħmlu dak li nikkmandakom.

**Wieġeb.**

1. Għaliex għandna ngħidu *"Grazzi"* lil Ġesù? (2 marki)

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

2. Ġesù jgħallimna li biex aħna nidħlu fis-Saltna t'Alla hemm bżonn li qalbna tkun bħal tat-tfal. Xi jfisser dan il-kliem? (3 marki)

   ______________________________________

   ______________________________________

   ______________________________________

   ______________________________________



**TMIEM IL-KARTA**